# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 190/19/1 RGM**

**Tabiba Dottor Anna Busuttil**

**v.**

**Philip Vancell, l-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 2020 dan ġie jaqra Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell wara ilment intavolat mill-attriċi appellata illi ġew leżi d-drittijiet fondamentali tagħha sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bl-operazzjoni tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-operazzjoni tal-liġijiet viġenti li kienu qegħdin jagħtu lill-inkwilin Vancell dritt ta' rilokazzjoni u jirrenduha impossibli lilha li tirriprendi l-pussess tal-proprjetà tagħha, u dan versu l-ħlas ta' kera li

kienet wisq baxxa. L-attriċi hija l-proprjetarja tal-fond bl-indirizz 31 gja 45, "Dirca", Triq il-Belt Valletta, Paola. Dan il-fond kien ġie mogħti permezz ta' konċessjoni enfitewtika minn missier l-attriċi lil konvenut Vancell fit-23 ta' Frar 1973 għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin sena li bdew jiddekorru fl-1 ta' Marzu 1973, versu ċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm60. Ġara iżda illi peress li l-konvenut huwa ċittadin Malti u kien juża l-fond in kwistjoni bħala r-residenza ordinarja tiegħu, meta skadiet il-konċessjoni enfitewtika fit-23 ta' Frar 1998 huwa akkwista dritt li jibqa' jirrisjedi fil-fond in kwistjoni taħt titolu ta' kera. Fit-28 ta' Settembru 1998 l-attriċi, flimkien ma' żewġha, krew l-istess fond lil konvenut bil-kera ta' Lm150 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem a tenur tal-Att XXIII tal-1979, u permezz ta' skrittura datata 8 ta' Lulju 2019 ġiet stabbilita l-kera ta' €300 fix-xahar bħala l-kera dovuta mill-konvenut u dan a tenur tal-Att XXVII tal-2018. Skont l-attriċi, b'effett sal-31 ta' Diċembru 2018 hija kienet qed tiġi mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta` tagħha mingħajr ma kien qed jingħata lilha kumpens xieraq, u li konsegwentement hija sofriet ksur tad-dritt tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha, sanċit permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "I. Tiddikjara u Tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet ta' l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII ta' l-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti taw dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat Philip Vancell li rrendieta

impossibli lir-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-fond 31 gja 45, "Dirca", Triq il-Belt Valletta, Paola, proprjeta' taghha.

"II. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghha ossia 31 gja 45, "Dirca", Triq il-Belt Valletta, Paola, bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk taghti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.

"III. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat Avukat Generali huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet ta' l-Att XXIII ta' l-1979 li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk ta' l-inkwilini, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni ai termini ta' l-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Ligi.

"IV. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ligi u ai termini tal-Ligi.

"V. Tikkundanna lill-intimat Avukat Generali jhallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati u ai termini tal-Ligi.

"Bl-ispejjez kollha, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati minn issa ghas-subizzjoni.;"

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li l-ilment tal-attriċi kellu jiġi eżaminat ukoll fid-dawl tal-emendi introdotti fl-2018, li l-Artikolu 37 m'huwiex applikabbli f'dan il-każ minħabba li ma hemm l-ebda teħid forzuz, li l-Istat għandu jedd illi jilleġisla sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta` skont l-interess ġenerali, li d-diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandiex titbiddel sakemm ma jkunx jirriżulta li tkun ġiet eżerċitata b'mod manifestament irraġonevoli, li l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kien intiż sabiex jipprovdi akkomodazzjoni soċjali lil persuni fil-bżonn u għalhekk huwa leġittimu u fl-interess ġenerali, li għalhekk ma jeħtiegx illi l-kera perċepibbli tkun ekwivalenti għal dik li

kienet tkun perċepibbli fuq is-suq liberu u li fi kwalunkwe każ dikjarazzjoni ta’ ksur hija rimedju suffiċjenti fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ.

4. Bis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta’ Ottubru 2020 ġie deċiz hekk:

> “Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tallstat konformement ma’ dak hawn fuq deciz tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:
>
> “1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet ta’ l-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att XXIII ta’ l-1979, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti taw dritt ta’ rilokazzjoni lill-intimat Philip Vancell li jaghmluha difficli u haga x'aktarx incerta gharr-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-fond 31 gja 45, “Dirca”, Triq il-Belt Valletta, Paola, proprjeta’ taghha.
>
> “2. Tiddikjara u tiddeciedi limitatament ghall-perjodu mit-28 ta’ Frar 1998 sal-31 ta’ Dicembru 2018 bl-operazzjonijiet tal-Artikolu 12 talKapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà taghha u cioe’ il-fond 31 gja 45, Dirca, Valletta Road, Rahal Gdid, bi vjolazzjoni ta’ lArtikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);
>
> “3. Tiddikjara lill-intimat Avukat tal-Istat responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens u cioe' danni pekunjarji u non pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII ta’ l-1979 li ma krejawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk ta’ l-inkwilin;
>
> “4. Tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) u d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).
>
> “5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas lir-rikorrenti ssomma komplessiva ta' hamsin elf ewro (€50,000) rapprezentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati.
>
> “Bl-ispejjez kontra l-intimat Avukat tal-Istat.”

5. L-Avukat tal-Istat preżenta r-rikors tal-appell tiegħu mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Novembru 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dawk il-kapijiet fejn iddikjarat li f'dan il-każ l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tħassaraha, tirrevokaha u tannullaha fil-kapijiet fejn illikwidat u kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-attriċi kumpens ta' €50,000 u minflok tiffissa kumpens ferm anqas minn dan l-ammont bħal sentenzi oħra ta' dan it-tip.

6. L-atturi preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fid-19 ta' Novembru 2020 u talbu li l-appell tal-Avukat tal-Istat jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**Ikkonsidrat;**

7. L-appellant Avukat tal-Istat ressaq aggravju wieħed fl-appell tiegħu permezz ta' liema jilmenta dwar il-quantum tal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. L-Avukat tal-Istat jargumenta li l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi li kienu jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-ammont ta' danni likwidati. Isostni li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li fejn si tratta ta' miżuri leġittimi fil-qasam tal-

akkomodazzjoni soċjali, il-kumpens dovut lis-sidien għall-interferenza fil-godiment tal-possedimenti tagħhom għandha tkun anqas mill-kera li kienu jkunu kapaċi jipperċepixxu fuq is-suq liberu, u għalhekk l-ewwel Qorti ma kelliex tibbaża d-deċizjoni tagħha biss fuq ir-rapport peritali iżda kellha tieħu kont ukoll tal-għanijiet soċjali wara l-interferenza in kwistjoni, u żied ukoll illi l-kumpens dovut f'kawżi ta' natura kostituzzjonali m'huwiex ekwivalenti għal danni ċivili u huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fondamentali u mhux danni ċivili għal opportunita` mitlufa. Isostni wkoll illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra d-diversi sentenzi mogħtija minn din il-Qorti fejn il-kumpens likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ġie ridott sostanzjalment.

8. L-appellata tirribatti li a kuntrarju ta' dak sottomess mill-Avukat tal-Istat eżamini tal-kumpens mogħti f'kawżi ta' dan it-tip juri illi bħala medja l-atturi jingħataw ċirka 49.98% tat-telf subit. Targumenta illi għalkemm huwa minnu illi f'din il-kawża hija ġiet mogħtija kumpens li huwa ċirka 10% aktar mill-medja, wieħed irid iqis ukoll illi reċentement il-Qrati għollew bil-bosta l-kumpens likwidat, li jidher illi qed ikun f'ammont ta' circa 60% tat-telf subit, biex 'bhekk ikun aktar viċin tal-kumpens normalment mogħti mill-Qorti Ewropea. Skont l-appellata għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda riduzzjoni fl-ammont ta' kumpens li ġie llikwidat mill-ewwel Qorti.

9. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-kumpens dovut lill-attriċi:

> "Ma hemm ebda dubju li in vista tal-fatt li r-rikorrenti sofriet piz sproporzjonat meta kienet imcahhda mit-tgawdija tal-proprjetà taghha kawza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158, hija ghandha tinghata rimedju xieraq.
>
> "Fil-kaz **Raymond Cassar Torregiani et vs. Avukat Generali** et deciza fid-29 ta' April 2016, il-Qorti ikkunsidrat li
>
> "Dwar il-quantum tal-kumpens dovut issir referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et v Kummissarju talArtijiet et deciza fil-31 ta` Ottubru 2014, fejn f` materja ta` komputazzjoni ta` kumpens ghal lezjoni ta` dritt fondamentali sancit flartikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:
>
>> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f`certi kazijiet kellha taghti kumpens f`ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-Qrati Maltin tilfu l-awtonomija taghhom b` mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f`ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jimmilitaw kemm favur kif ukoll kontra rrikorrenti u deherilha li l-kumpens xieraq li ghandha taghti f` dan il-kaz ikun fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf Euro (EUR 25,000). Hija kkonsidrat iddewmien da parti tar-rikorrenti li jiehdu l-proceduri opportuni, ilvalur tal-immobbli, iz-zmien tant twil li rrikorrenti ilhom privati mill-godiment tal-proprjeta` taghhom minghajr ma nghata ebda kumpens, l-istat tal-fond u l-ezistenza tal-fattur tal-interess pubbliku. Ma` dawn ghandu jigi senjalat il-fatt li qabel l-ispossessament tal-proprjeta` taghhom ir-rikorrenti kellhom permess mill-Bord kompetenti sabiex jizviluppaw il-fond."
>
> "Issa, ghalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali ma jekwiparax necessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni civili sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali ghandhom jigu injorati ghal kollox ghall-finijiet tal-ezercizzju odjern.
>
> "Dwar id-danni pekunjarji l-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni moghtija minnha fit-18 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Walter Delia et vs. Chairman tal-Awtorità tad-Djar** (Rik Kost 54/2009) irriteniet illi ghalkemm hemm distinzjoni bejn il-kuncett ta' kumpens ghall-ksur ta' dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-kuncett ta' danni civili:
>
>> "għandu jingħad li l-estenzjoni tad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna taffettwa l-estenzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tagħha wkoll, u għalhekk dawn ma jistgħux ma jittieħdux in kunsiderazzjoni. Kif

> spjegat lewwel Qorti m'hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi lill-Qorti milli tillikwida somma għad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna b'riżultat ta' leżjoni ta' dritt fundamentali."

"Mehudin dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti sejra tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens, ewlenin fosthom:

"1. Il-fattur taz-zmien meta bdiet tonqos il-proporzjonalità;

"2. Id-diskrepanza sostanzjali li hemm bejn il-kera li r-rikorrenti rceviet minghand l-intimat Philip Vancell kawza tal-limitazzjonijiet fil-quantum massimu tal-kera mposta mill-Artikolu 12 u l-kera li l-fond kellu potenzjal jattira fis-suq hieles fiz-zmien rilevanti;

"3. Il-limitazzjoni tal-kawza ghall-effetti taghha sal-31 ta' Dicembru 2018;

"4. L-ghan socjali ntiz li jintlahaq mil-ligi mpunjata u cioe' sabiex jipprovdi akkomodazzjoni adegwata fil-kuntest ta' social housing;

"5. It-trapass taz-zmien li matulu r-rikorrenti kienet kostretta tissubixxi lezjoni fid-drittijiet fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjetà tenut kont ukoll però li taht il-ligi kif issa emendata, id-dritt li tintiret l-kirja huwa severament limitat u ghalhekk ma ghadx hemm issitwazzjoni ta' qabel li l-kirja setghet tibqa' tiggedded bla limitu tazzmien;

"6. L-inerzja da parti tal-Istat, li matul iz-zmien rilevanti ghal din il-kawza baqa' passiv ghall-htiega ta' ntervent legislattiv effettiv sabiex johloq bilanc proporzjonat bejn il-pizijiet u d-drittijiet tas-sidien ta' dawn il-fondi;

"7. L-ordni li ser taghti din il-Qorti dwar l-ezenzjoni f`dan il-kaz milleffetti legali tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158; u

"8. Il-fatt li r-rikorrenti saret sid tal-fond de quo fis-sena 1988 u bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 3 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, il-fond mertu tal-kawza gie assenjat lir-rikorrenti.

"Skond il-perit tekniku il-valur lokatizju tal-fond de quo kien ta' €2,250 fissena 1998; ta' €2,850 fis-sena 2003; ta' €3,900 fis-sena 2008; ta' €6,300 fis-sena 2013 u ta' €9,600 fis-sena 2018. Isegwi minn din ir-relazzjoni peritali illi r-rikorrenti potenzjalment kellha tircevi kera globali mis-sena 1988 sas-sena 2018 fis-somma ta' circa €86,000. Dak li effettivvament irceviet matul dak il-perijodu huwa irrizorju. Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens gust li ghandu jinghata lir-rikorrenti huwa dak ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) bhala danni pekunjarji u s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala danni non-pekunjarji u liema danni pekunjarji u non-pekunjarji ghandu jhallashom l-intimat Avukat tallstat lir-rikorrenti."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti tqis illi huwa manifestament żbaljat l-argument tal-Avukat tal-Istat illi l-ewwel Qorti waslet għall-likwidazzjoni ta' kumpens fis-somma ta' €50,000 għaliex naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi kien hemm għan leġittimu fl-interess ġenerali wara l-leġislazzjoni in kwistjoni. Qari tas-sentenza appellata juri illi l-ewwel Qorti fil-fatt ħadet in konsiderazzjoni dan il-fattur meta stabbiliet il-quantum tal-kumpens u sostniet espressament illi wieħed mill-fatturi li kienet qed tieħu in konsiderazzjoni kien proprju "[l]-ghan socjali ntiz li jintlahaq mil-ligi mpunjata u cioe` sabiex jipprovdi akkomodazzjoni adegwata fil-kuntest ta' *social housing*."

11. Rigward l-argument tal-Avukat tal-Istat illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenut jinqeda' b'dan il-fond għal skopijiet soċjali, il-Qorti tirrileva illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ma rriżultax illi bħala stat ta' fatt il-konvenut kellu bżonn din il-protezzjoni. L-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistabilixxi l-ebda *means test* li wieħed irid jissodisfa sabiex l-istess artikolu jkun applikabbli u ssir il-konverżjoni minn enfitewsi temporanja għal kera u għalhekk ma jistax ikun hemm preżunzjoni illi l-inkwilin ikun qed jed jokkupa l-fond minħabba bżonn soċjali ġenwin. Minn dan isegwi illi kien jinkombi fuq l-Avukat tal-Istat l-oneru illi jipprova illi l-konvenut

Vancell verament kellu bżonn il-protezzjoni provduta mill-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u fin-nuqqas ta' din il-prova kienet korretta l-ewwel Qorti illi ma ħaditx qies tal-allegat bżonn socjali tal-konvenut Vancell fid-determinazzjoni tal-quantum tal-kumpens.

12. Il-Qorti tqis illi huwa wkoll manifestament żbaljat l-argument tal-Avukat tal-Istat illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku sabiex tistabilixxi kumpens xieraq għall-ksur konstatat minnha. Huwa minnu illi l-kumpens mogħti f'dawn it-tip ta' kawżi m'huwiex ekwivalenti għal danni ċivili. Huwa minnu wkoll illi l-kumpens dovut ma jeħtieġx li jkun ekwivalenti għal ammont ta' kera illi kienet tkun perċepibbli mill-attriċi fuq is-suq liberu, u dan minħabba l-għan legittimu fl-interess ġenerali li għalih kienet intiża l-leġislazzjoni impunjata. Pero`, il-kumpens likwidat mill-Qorti għandu dejjem ikun arġinat fuq il-fatti tal-kawża li jkunu rriżultaw quddiem il-Qorti f'dik il-kawża partikolari li jkollha quddiemha, għaliex sabiex ikun xieraq il-kumpens likwidat mill-Qorti jrid tabilfors ikollu relazzjoni oġġettiva mal-fatti tal-każ, inkluż l-ammonti ta' kera ndikati mill-Perit Tekniku. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-Avukat tal-Istat ma ressaq l-ebda argument illi jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tirrevedi l-ammont ta' kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. Is-somma ta' €50,000 likwidata mill-ewwel Qorti bħala kumpens kemm pekunarju u kif ukoll non-pekunarju tidher raġjonevoli b'mod illi din il-Qorti

ma tqisx illi għandha tissostitwixxi l-apprezzament tagħha għal dak tal-ewwel Qorti.

13. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat, bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm